**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 210/2016 AF**

**Mario Sciberras**

**vs**

**Malta Boatman & Mooring Services Coop Ltd kif rapprezentata minn Joseph Farrugia, President, Adrian J Abela, Segretarju u Anthony Farrugia, Tezorier u l-istess Joseph Farrugia, Adrian J. Abela u Anthony Farrugia fil-karigi taghhom msemmija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Mario Sciberras, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti huwa membru tal-Kooperattiva intimata u ilu hekk membru sa mit-twaqqif taghha, tant illi kien hemm membru fundatur u jaghmel ix-xoghol ta' Mooringman.

Il-Kooperattiva intimata u l-ufficjali intimati huma regolati bl-istatut tal-Kooperattiva, kopja ta' liema qed jigi esebit u mmarkat Dok. X.

B'ittra datata 23 ta' Dicembru 2015, mibghuta lilu mill-Kooperattiva intimata u ffirmata mit-tlett ufficcjali intimati, (Dok. A.), ir-rikorrent gie avzat illi "*l-Kumitat tat-Tmexxija tal-Kooperattiva behsiebu jiehu passi dixxiplinari fil-konfront tieghek li jistghu jwasslu anke ghat-tkeccija tieghek mill-Kooperattiva*", u tressqu sitt akkuzi fil-konfront tar-rikorrent, hemmhekk elenkati, li dwarhom gie mgharraf illi kienu "*qed jittiehdu dawn il-passi dixxiplinari*".

Ir-rikorrenti nghata "*zmien hmistax-il gurnata minn meta tircievi din l-ittra sabiex bil-miktub twiegeb ghal dawn l-akkuzi u taghti r-ragunijiet ghaliex ma ghandekx tinstab hati tal-istess*".

Ir-rikorrenti rcieva l-istess ittra bil-posta registrata fis-7 ta' Jannar 2016 (Dok. B) u b'hekk kellu sat-22 ta' Jannar 2016 sabiex iwiegeb, haga li ghamel fil-21 ta' Jannar 2016, permezz tal-posta elettronika (Dok. C) fuq it-tlett emails lilu pprovduti fuq l-istess *charge sheet*.

Kif però jirrizulta, qabel l-gheluq taz-zmien lilu koncess ghar-risposta tieghu, r-rikorrent gja kien gie processat u kkundannat mill-intimati, tant illi fid-19 ta' Jannar 2016, intbaghtet lir-rikorrent ittra (Dok. D) li permezz taghha huwa gie mgharraf illi kien instab "*hati tal-akkuzi kollha u kundannat ghal tkeccija temporanja ghal perjodu ta' tlett xhur, li jibdew jghaddu mill-jum li fih id-decizjoni ssir definittiva*" u dan wara illi l-Bord

ddikjara illi "*int bqajt ma wegibtx ghall-akkuzi msemmija, u wisq anqas tajt ragunijiet ghaliex m'ghandekx tinstab hati jew indikjat xi provi xi tressaq kontra dawn l-akkuzi*".

Ir-rikorrent inghata hmistax-il jum minn meta jircievi d-decizjoni sabiex bil-miktub jappella minn dik id-decizjoni skond l-istatut, u di fatti, hekk ghamel, u fis-26 ta' Jannar 2016 ressaq l-appell tieghu (Dok. E) bl-aggravji hemmhekk indikati, fosthom in-nullità tad-decizjoni tal-ewwel board.

Flok mar-rikorrenti inghata l-opportunità illi jisma' l-appell tieghu, permezz ta' email indirizzata lill-konsulent legali tieghu datata 26 ta' Jannar 2016, (Dok. F), huwa gie mgharraf mill-Bord tat-Tmexxija, l-istess bord li ha dd-ecizjoni tat-tkeccija temporanja, illi "*billi jirrizulta illi r-risposta tas-sur Sciberras dahhlet fit-terminu moghti, l-kontenut tal-ittra datata 19 ta' Jannar 2015 qed tigi rtirata*", u l-istess bord wera d-disponibilità tieghu illi jisma' lir-rikorrent u x-xhieda li xtaq iressaq f'seduta apposita, li kienet skedata ghat-3 ta' Frar 2016. F'dik l-istess ittra, l-istess kumitat, iddikjara "*l-akkuzi dedotti kontra s-sur Sciberras ser jigu ppruvati ta' xhieda ta' membri ohra ...*" filwaqt illi gie riaffermat illi dan l-istess kumitat ta' tmexxija ser imexxmi l-process ta' dixxiplina.

B'email ftit minuti wara, ossia tas-26 ta' Jannar 2016, ir-rikorrenti, tramite d-difensur tieghu, gharraf lid-difensur tal-Kumitat ta' tmexxija tal-kooperattiva, illi l-appell gja kien gie intavolat u kien ikun opportun illi jinstema' l-appell u ma kienx accettabbli illi decizjoni appellata tigi rtirata fil-kontenut taghha (Dok. G).

Ir-risposta ghal dan kienet email ohra tas-26 ta' Jannar 2016 li permezz taghha, l-Kumitat tat-Tmexxija, ossia l-intimati permezz tar-rapprezentant legali tieghu, iddikjara addirittura x'kellu jkun l-ezitu tal-process tal-Appell, "*kwalsiasi appell li jista' jkun sar mis-sur Sciberras jista' biss, fl-ahjar ipotezi ghaluh, iwassal ghall-kancellament tad-decizjoni in kwistjoni .... dan ir-rizultat qed jinghata issa mill-Kumitat li qed jimxi kif xieraq ....*" (Dok. H) u kien car illi l-Kumitat ta' Tmexxija ma kienx qed jaccetta illi jsir l-Appell.

Kien issa evidenti aktar minn qatt qabelm kif spjegat fl-email tar-rapprezentant legali tar-rikorrent tas-26 ta' Jannar 2016 (Dok. I), illi l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kooperattiva u l-ufficjali intimati, iridu jaghmluha ta' *judge, jury and executioner*, tant illi l-istess Kumitat kif kompost mill-istess tlett ufficcjali, lkoll intimat, (a) hargu l-akkuzi huma, (b) iddecidew il-kaz huma, u ghalhekk gja esprimew ruhom, (c) iddecidew x'ghandu jiddeciedi l-Appell, (d) iddecidew illi jirtiraw il-kontenut tad-decizjoni taghhom imma issa xorta jridu illi jkunu huma illi jerghu jiddeciedu l-kaz meta ddikjaraw digà illi "*l-akkuzi dedotti kontra s-sur Sciberras se jigu ppruvati*" u fuq kollox gja esprimew ruhhom, kollha fatturi dawn illi ma jistghu qatt jiggarantixxu process dixxiplinarju serju, legittimu u gust lir-rikorrent, tant, illi qabbdu u ffissaw gurnata ghas-smiegh ghall-15 ta' Frar 2016 fis-2:00pm u ddikjaraw, l-istess *judge, jury and executioners* illi "*dan l-appuntament mhuwiex ser jinbidel*" ikunu xi jkunu c-cirkostanzi.

Ma hemmx dubju illi f'dan ix-xenarju, d-drittijiet tar-rikoretni ghal smiegh xieraq fil-process ta' dixxiplina illi l-intimati jridu jghadduh minnu huwa monk mis-salvagwardji kollha illi persuna ghandu kollu. Il-process kif qed jigi kondott ma hux wiehed legittimu, huwa vizzjat u jikser numru ta' drittijiet tal-mittenti, inkluz imma mhux limitatament, id-dritt ta' smiegh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, jigifieri (i) *nemo judex in causa sua*, u (ii) *audi et alteram partem*, bil-konsegwenza illi r-rikorrenti ser jigu ppregudikat serjament jekk tali process ma jitwaqqafx, partikolarment meta rinfaccjat b'theddia cara mill-istess intimati ta' tkeccija.

L-intimati jsostnu illi huma jaghmlu dan kollu peress illi hekk itihom id-dritt li jaghmlu l-istatut tal-Kooperattiva.

It-tlett ufficcjali intimati jgawdu ukoll mill-finanzjament tal-kooperattiva li jinqasam fl-ahhar tas-sena bejn il-membri <u>kollha</u>, u kwindi, ma hemmx dubju illi t-tlett intimati jiehdu vantagg finanzjarju dirett mid-decizjoni taghhom ta' sospensjoni u/jew tkeccija ta' membru, ikun min ikun, imma f'dan il-kaz, tar-rikorrent li bhalhom huwa membru tal-kooperattiva.

Proprju minhabba dawn il-pregudizzji, li kien qed isofri u jibza' li kien ser isofri, l-esponent talab u ottjena Mandat ta' Inibizzjoni sabiex appuntu jzomm lill-intimati milli jkomplu bil-process ta' dixxiplina li kien maghhom mibdi kif hawn fuq imsemmi fil-konfront tar-rikorrent, liema Mandat ta' Inibizzjoni intlaqa'.

Dan sar peress illi hemm difetti fondamentali serji fil-procedura ta' dixxiplina adegwata, anke jekk skond l-istatut, mill-intimati fil-konfront tar-rikorrent, liema difetti u/jew irregolaritajiet jammontaw ukoll u fost ohrajn, ghal ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, billi fost ohrajn mhux qed jinghata opportunità xierqa li jiddefendi ruhu sewwa quddiem bord adegwat li jiggarantixxi d-drittijiet tar-rikorrent.

Di più, in segwitu ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 175/2016SM, l-intimati jew min minnhom addirittura taw struzzjonijiet sabiex ibiddlu l-prattika li kienet qed tigi adoperata fin-nuqqas tar-rikorrenti meta dan ma jkunx jista' jirrapporta ghax-xoghol, prattika mhaddma ghal snin twal, liema struzzjonijiet ser ifissru dannu konsistenti f'telf fid-dhul tar-rikorrenti, ghal liema telf, konsegwenza tad-decizjoni arbitrarja mehuda mill-intimati, iridu jaghmlu tajjeb l-istess intimati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-process ta' dixxiplina maghmul sa issa u dak li l-intimati jridu jassoggettaw lir-rikorrent ghalih, anke jekk ai termini tal-istatut tal-Kooperattiva intimati, huma manifestamenti ingusti u jiksru l-principji tal-gustizzja naturali peress illi l-intimati u/jew l-istatut jonqsu milli jaghtu lir-rikorrent opportunità xierqa ta' difiza u/jew is-salvagwardji minimi u necessarji sabiex jghaddi, jekk inhu l-kaz, procedura ta' dixxiplina gusta u ekwa, u b'hekk l-intimati qed jiksru d-drittijiet tar-rikorrent.

2. Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri ta' dixxiplina mehuda sa issa mill-intimati kontra r-rikorrent u konsegwentement tiddikjara wkoll nulli u bla effett il-provvedimenti tal-istatut tal-kooperattiva intimata li a bazi taghhom tmexxew il-proceduri ta' dixxiplina.

3. Tiddikjara illi bl-agir illegali u abbuziv taghhom, l-intimati ikkawzaw u ghadhom qed jikkawzaw danni ngusti lir-rikorrent, inkluz hsara psikologika u telf ta' qliegh u paga.

4. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti.

5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk attwali u kif ukoll dawk il-futuri.

6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallas id-danni hekk likwidati.

7. Tikkonferma 'l fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 175/2016SM degretat fl-4 ta' Mejju 2016.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghal kull azzjoni li tista' tispetta lir-rikorrent.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjetà Malta Boatman & Mooring Services Coop Limited kif rapprezentata minn Joseph Farrugia, President, Adrian J Abela, Segretarju u Anthony Farrugia, Tezorier u l-istess Joseph Farrugia, Adrian J. Abela u Anthony Farrugia fil-karigi taghhom msemmija, li permezz taghha gie eccepit illi:

L-eccipjenti Anthony Farrugia, Adrian J. Abela u Joseph Farrugia tharrku fil-karigi taghhom imsemmija inutilment, billi mhumiex legittimi kuntraditturi tat-talbiet tal-attur.

Bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tal-attur in kwantu diretta fil-konfront tal-istatut tal-Kooperattiva hija manifestament inammissibbli billi l-procedura ta' dixxiplina kontenuta fl-imsemmi statut giet debitament sottoskritta mill-istess attur u kwindi *volenti non fit iniuria*.

Bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tal-attur ghar-rizarciment tad-danni hija intempestiva, billi l-attur *ex admissis* ghadu ma sofra ebda dannu.

Bla hsara ghall-premess, it-talba tal-attur ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 175/2016SM hija manifestament inammissibbli, billi l-imsemmi mandat hu biss att kawtelatorju u kwindi ma jistax jigi konfermat kif mitlub.

Bla hsara ghall-premess, il-proceduri ta' dixxiplina mehuda fil-konfront tal-attur ma humiex manifestament ingusti, lanqas ma jiksru l-principji tal-gustizzja naturali, u wisq anqas ma jiksru d-drittijiet tal-attur, kif se jigi pprovat fil-mori tal-kawza.

Bla hsara ghall-premess, kien l-attur li ripetutament kiser ir-regoli tal-istatut, u kwindi l-process ta' dixxiplina kien u ghadu unikament konsegwenza tal-agir tieghu.

Bla hsara ghall-premess, l-eccipjenti ma kkagunawx danni lill-attur, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-istess attur.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2016 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat bin-numru 175/16SM fl-ismijiet premessi.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti allegati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jattakka l-proċess dixxiplinarju li fi kliemu huwa tali li jilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq u jikser ukoll il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Jitlob għalhekk illi l-proċess dixxiplinarju kif ukoll il-provvediment illi ngħata fil-konfront tiegħu jiġi dikjarat null u mingħajr effett. Il-bqija tat-talbiet li lkoll jittrattaw il-kwistjoni tad-danni allegatament imġarrba mill-attur huma talbiet konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet u għaldaqstant dawn għandhom biss jiġu mistħarrġa f'każ illi l-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet kif dedotti.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi fl-ewwel lok eċċepiet illi l-konvenuti kif imħarrka f'isimhom personalment mhumiex leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi. Eċċepiet ukoll l-inammissibilità tal-azzjoni *essendo* illi l-attur *qua* membru fundatur tal-Kooperattiva irratifika l-proċess dixxiplinarju kif jirriżulta fl-istatut li jirregola l-istess kooperattiva u għalhekk ma jistax issa jallega li tali proċess huwa inġust u leżiv tad-drittijiet tal-membri tal-kooperattiva intimata.

Mill-provi jirriżulta illi fl-20 ta' Jannar 2005 l-attur beda jaħdem bħala rmiġġjatur mal-kooperattiva konventa. Il-Kooperattiva ġiet reġistrata bħala tali fit-8 ta' Ottubru 2012 u fl-istess żmien tfassal ukoll statut regolatur. Mix-xhieda ta' Joseph Farrugia li huwa l-President tal-istess kooperattiva, jirriżulta illi dan l-istatut ġie mfassal fuq mudell ta' statut ta' kooperattiva oħra. Spjega illi kienu saru żewġ laqgħat ta' erba' siegħat il-waħda sabiex il-membri flimkien jiddiskutu l-kontenut tal-istatut. Xehed illi l-attur kien preżenti għal dawn il-laqgħat u bħal kull membru ieħor ingħata kopja tal-istatut. L-istatut ġie ffirmat mill-membri kollha u sussegwentment ġie mgħoddi lill-Bord tal-Kooperattivi. Żied jgħid illi kull statut jiġi skrutinizzat sia mill-Avukat tal-Kooperattivi kif ukoll mill-Ministeru relattiv u dan għandu jassigura illi li kollox sar kif għandu jkun. L-istatut ġie emendat fis-sena 2016 biss ma kien hemm ebda emenda li tmiss il-proċess dixxiplinarju.

Joseph Farrugia xehed illi l-prassi segwita mill-irmiġġjaturi hija li jekk xi wieħed minnhom ikun indispost għax-xogħol dan

għandu jiġi sostitwit minn wieħed ieħor minn sħabu. Il-proċedura hija sempliċi u informali biss waqt li tassigura li jkun hemm biżżejjed persuni ful il-lant tax-xogħol, tħalli f'idejn l-irmiġġjaturi stess li jiftehmu biex jibdlu lil xulxin f'każ ta' indispożizzjoni. Huwa għamel referenza għall-Artikolu 8.1 u 8.2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.03 liema disposizzjonijiet jipprovdu illi f'każ illi rmiġġjatur ikun marid għal żmien aktar minn sena, dak l-irmiġġjatur tista' titteħidlu l-liċenzja. Kompla jispjega illi llum il-ġurnata l-irmiġġjaturi huma marbuta u regolati b'kuntratt li jiġi ffirmat bejn l-irmiġġjatur u l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport.

Għal dak illi jirrigwarda s-siwi u l-korrettezza tal-proċess dixxiplinarju, li *del resto* jifforma l-pern tal-kwistjoni ordjerna, Farrugia xehed illi mis-sena 2014 l-attur beda bil-mod il-mod isib min jissostitwih fuq ix-xogħol. Dik li għall-ewwel kienet ħaġa okkazjonali maż-żmien spiċċat ġiet xi ħaġa regolari bl-attur isib min jibdlu u jaħdem minfloku għal ġranet sħaħ. Spjega li l-kooperattiva widdbet lill-attur diversi drabi sabiex ma jibqax jippersisti f'dan l-aġir li jibqa' jsib min jidħol għax-xogħol minfloku mhux biss għaliex dan l-aġir seta' wassal għal abbuż mis-sistema iżda wkoll għaliex kien qiegħed jinħoloq inkonvenjent amministrattiv.

Peress illi l-attur baqa' ma tax widen għat-twissijiet li kien qiegħed jirċievi, b'ittra tat-23 ta' Diċembru 2015 l-attur ġie avżat illi kienu sejrin jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Fl-ittra li kopja tagħha tinsab esebita fl-atti, l-attur ġie mwissi illi l-passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu setgħu iwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-Koperattiva. Ingħad ukoll illi l-passi dixxiplinarji kienu sejrin jittieħdu abbażi ta' dak li jipprovdu l-klawsoli numru 5.3(a) u 22.2 u dan għaliex (i) matul is-sena 2015 l-attur kien qabbad sositut għal żmien interrot ta' aktar minn 12-il ġimgħa u dan bi ksur tal-klawsola 26.6 tal-istatut tal-koperattiva; (ii) talli bi ksur tal-klawsola numru 5.3(a) tal-istatut l-attur kien naqas milli jagħti xogħol skont in-normi hemm stabbiliti; (iii) talli f'diversi okkażjonijiet naqas milli jirraporta għax-xogħol u f'dawn l-istanzi la sab sostitut u lanqas taha avviż ta' dan bil-konsegwenza li waqa' l-piż fuq sħabu; (iv) minħabba l-aġir tiegħu l-attur kien qiegħed jesponi lill-Koperattiva għall-inkwiet stante illi meta ma jirrapurtax għax-xogħol il-Koperattiva

kienet qegħda ssib ruħha b'nuqqas ta' rmiġġjaturi liċenzjati, dan bi ksur tal-obbligi tal-istess koperattiva taħt l-Artikolu 6(2) tal-Avviż Legali 253/2012; (v) talli jonqos milli minnufih jirraporta li ma kienx ser jidħol għax-xogħol għaliex ma jiflaħx u jdum ġimgħat jew xhur biex jippreżenta ċertifikat mediku; (vi) u talli ma tax widen għat-twissijiet kollha li rċieva. L-attur ingħata terminu ta' ħmistax-il jum min-notifika tal-ittra sabiex jagħti r-raġunijiet tiegħu u jressaq il-provi għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Mid-dokumentazzjoni esebita, senjatament mit-timbru postali jidher li l-ittra ntbagħtet permezz tal-posta reġistrata fil-31 ta' Diċembru 2015 bl-attur irċieva l-ittra fis-7 ta' Jannar 2016.

L-attur wieġeb għall-ittra tat-23 ta' Diċembru 2015 permezz ta' *e-mail* tal-21 ta' Jannar 2016 li biha kkontesta l-akkużi fl-intier tagħhom. Sadanittant, b'ittra datata 19 ta' Jannar 2016 l-attur ġie nfurmat illi kien instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat għal tkeċċija mix-xogħol għal perjodu ta' tlett xhur dekorribbli minn mindu s-sentenza tal-Bord issir definittiva. Il-Bord fisser illi s-sejbien ta' ħtija kien dovut għall-fatt illi l-attur naqas milli jwieġeb għall-ittra tat-23 ta' Diċembru 2015.

B'ittra tas-26 ta' Jannar 2016 l-attur appella mid-deċiżjoni tal-bord u talab ukoll in-nullità tad-deċiżjoni tal-bord.

B'*e-mail* tas-26 ta' Jannar 2016 skambjata bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet, l-avukat għan-nom tal-kooperattiva bagħat jinforma lill-avukat tal-attur illi r-risposta tal-attur għall-ittra tat-23 ta' Diċembru 2015 kienet daħlet fit-terminu lilu konċess u li għalhekk il-kontenut tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2016 kien qiegħed jiġi rtirat. Il-Kumitat żied illi kien dispost jikkonċedi lill-attur l-opportunità sabiex jidher u jressaq il-provi tiegħu f'seduta appożita. B'e-mail tal-istess jum, l-Avukat tal-attur wieġeb illi la darba l-appell kien diġà ġie fformolat u trasmess lill-bord allura kellhom jitkomplew il-proċeduri t'appell. B'*e-mail* oħra tal-istess jum, l-Avukat tal-Kooperattiva irribadixxa li l-Bord kien qiegħed jirtira d-deċiżjoni tiegħu sabiex jagħti l-opportunità lill-attur illi jressaq il-provi tiegħu in difiża.

B'rikors tad-9 ta' Frar 2016 l-attur talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-koperattiva bl-iskop illi jwaqqaf il-proċess dixxiplinarju milli jkompli fil-konfront tiegħu.

B'digriet tal-4 ta' Marzu 2016 il-Qorti kif diversament preseduta kkonfermat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2016 permezz ta' liema kienet laqgħet it-talba provviżorjament u ordnat il-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni.

L-attur ipproċeda sabiex b'rikors ġuramentat tal-15 ta' Marzu 2016 ta' bidu għall-proċeduri odjerni.

Minnufih malli l-attur ta bidu għal din il-kawża, il-koperattiva sejħet laqgha li fiha pproponiet lill-attur sabiex jersaq biex l-intervent li kien jeħtieġ isirlu fi sptar privat minn kirurgu tal-għażla tiegħu, intant l-attur kien jiġi sostitwit fuq ix-xogħol minn sħabu stess. Addirittura l-koperattiva offriet lill-attur illi fil-frattemp li l-attur jirkupra saħħtu iben l-attur jidħol għax-xogħol flok missieru. L-attur irrifjuta kull offerta illi saritlu u sadanittant baqa' barra mix-xogħol sakemm f'Ġunju 2019 għażel minn jeddu li jirtira mill-koperattiva.

Joseph Farrugia xehed illi l-koperattiva ma ħadet ebda provvediment dixxiplinari fil-konfront tal-attur u la keċċietu u lanqas issospendietu anki għaliex id-deċiżjoni komunikata lilu fl-ittra tad-19 ta' Jannar 2016 ġiet irtirata. Żied jgħid illi kien l-attur stess illi għażel li ma jidħolx lura għax-xogħol u li sal-lum għadu jippretendi riżarċiment għal xogħol li m'għamilx.

L-attur xehed illi sakemm dam jaħdem fil-port żviluppatlu problema f'irkopptejh li għaliha jeħtieġ jiġi sottopost għall-intervent kirurġiku. Jgħid illi kien proprju kawża ta' din il-problema li ma setax jidħol għax-xogħol biss dejjem sab min jidħol minfloku u l-koperattiva qatt ma esprimiet diffikultà li jsir dan. Xehed illi kien fi Frar 2016 meta ġie nfurmat li ma setax ikompli aktar b'din il-prattika.

Ċertifikat datat 3 ta' Ottubru 2016 juri li l-attur resaq għall-eżami mediku ta' rutina quddiem l-Awtorità għat-Trasport u ġie ċertifikat illi ma kienx tajjeb għax-xogħol temoranjament minħabba l-problema f'irkobbtejh. Xehed illi għalkemm huwa

minnu li huwa ffirma l-istatut dan għamlu għaliex kulħadd kellu jiffirmah sabiex jibża għal xogħolu u li in oltre ffirma mingħajr ma kien laħaq qara d-dokument  Kompla jixhed li kien hemm ukoll kondizzjonijiet li hu ma qabilx magħhom.

Mill-provi kompla jirriżulta li d-deċiżjoni li jittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-attur ittieħdet f'laqgha informali li matulha lanqas minuti ma ttieħdu.  Irriżulta wkoll illi l-proċedura informali dwar is-sostituzzjoni t'impjegat b'ieħor meta wieħed ma jkunx jista' jidħol xogħol inqatgħet lejn tmiem is-sena 2014. Dik il-ħabta kienu qegħdin jinqalgħu problemi dwar ħlas ta' taxxa u kien hemm anki lok ta' abbużi fejn impjegat jibqa' reġistrat f'koperattiva, ma jirraportax għax-xogħol u jsib sostitut biss fl-istess waqt ikun qiegħed f'impjieg ieħor.  Għalhekk biex dan l-abbuż jinqata' u anki sabiex jiġi assigurat li f'kulwaqt ikun hemm numru ta' ħaddiema suffiċjenti, ġie deċiż li l-prassi tas-sostituzzjoni tinqata'.

L-attur jisħaq illi ġie sospiż mix-xogħol mingħajr ma ngħata l-opportunità li jispjega ruħu.  Mill-atti jirriżulta li kalkolu ħażin dwar l-iskadenza tat-terminu għat-tweġiba tal-attur wassal sabiex il-Bord għadda għal deċiżjoni fuq premessa żbaljata u cioè li l-attur ma kienx wieġeb.  Madanakollu, minnufih malli ntebaħ bl-iżball, il-Bord irtira d-deċiżjoni tiegħu u offra lill-attur l-opportunità li f'seduta appożita jressaq il-provi kollha in difiża tal-posizzjoni tiegħu.  Kien proprju l-attur li għażel li jwebbes rasu u flok resaq 'il quddiem sabiex iressaq il-provi tiegħu, apparti li rrifjuta wkoll kull proposta tal-koperattiva, għażel li jeskala l-kwistjoni billi talab u kiseb mandat t'inibizzjoni u sussegwentement ipproċeda b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji. Intant, l-attur baqa' reġistrat bħala rmiġġjatur u baqa' jżomm il-liċenzja tiegħu sakemm kien hu stess li rriżenja f'Ġunju 2019 u cioè pendenti dawn il-proċeduri.  Irid jingħad illi pendenti dawn il-proċeduri l-koperattiva la ħadet passi dixxiplinarji fil-konfront tal-attur, la keċċietu u lanqas issospendietu minkejja l-fatt li sakemm għażel li jirriżenja l-attur baqa' ma rraportax għax-xogħol.  Irid jingħad ukoll li mix-xhieda rriżulta li għalkemm ġie kkuntattjat diversi drabi, iben l-attur irrifjuta li jidħol ghax-xogħol in sostituzzjoni ta' missieru jew ta' xi ħaddiem ieħor.

Fil-każ ta’ llum jirriżulta evidenti illi l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet hija naxxenti mill-fatt li għal raġunijiet ta’ saħħa l-attur sab ruħu f’diffikultà illi jirraporta għax-xogħol u dan għal perjodu indefinit essendo illi għandu bżonn jiġi sottopost għal-intervent kirurġiku.  Waqt illi l-attur jistrieh fuq impediment ta’ natura medika, ma ressaq ebda prova in sostenn ta’ dan u għalhekk jibqa’ mhux magħruf x’tip ta’ problema fiżika laqtet lill-attur jew il-gravita’ tagħha.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Joseph Farrugia, *qua* president tal-koperattiva xehed b’mod estensiv sia viva voce u aktar u aktar permezz ta’ affidavit dettaljat.  Din ix-xhieda la ġiet kontestata u wisq anqas kontradetta.

**L-eċċezzjonijiet preliminari**

Fl-ewwel lok ġie eċċepit illi l-intimati kif imħarrka f’isimhom personalment mhumiex leġittimi kontraditturi għat-talbiet attriċi.  Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha l-koperattiva osservat illi fit-termini tal-Artikolu 31 tal-Kap 442 il-koperattiva hija meqjusa bħala persuna legali u għalhekk ai termini tal-Artikolu 181A il-kawża setgħet saret esklussivament fil-konfront tal-koperattiva.

L-attur għażel li ma jitrattax din l-eċċezzjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-raġuni l-għaliex l-attur ħarrek lill-konvenuti personalment hija dovuta għall-fatt illi dawn it-tlett individwi jkopru rwoli ċentrali fil-koperattiva u għalhekk kienu ċentrali fit-teħid tad-deċiżjonijiet.  Fil-fatt, minn qari tar-raba’ talba huwa evidenti li l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni minnu sofferti.

In vista tat-talbiet kif formulati, l-Qorti tqis illi l-konvenuti għandhom kull interess li jkunu parti f’dawn il-proċeduri u li jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom.  Jekk finalment jinstabx illi għandhom iġorru xi responsabilità personali hija kwistjoni oħra.

L-ewwel eċċezzjoni qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Ġie eċċepit ukoll illi l-attur ma jistax jattakka l-proċess dixxiplinarju kif jirriżulta mill-istatut li hu stess iffirma u qabel miegħu. F'dan ir-rigward il-koperattiva tislet paragun ma' kuntratt u tgħid illi bħal ma kuntratt jobbliga l-partijiet li jiffirmawh daqstant ieħor l-istatut jorbot lill-membri tal-koperattiva li min rajhom jassoġġettaw ruħhom għal dawk ir-regoli.

Il-Qorti taqbel mar-raġunament appena espost biss fl-istess waqt tqis illi f'dan il-każ l-attur mhuwiex jattakka r-regoli li jiggvernaw kif għandu jiġi kondott il-proċess dixxiplinarju. L-attur qiegħed jattakka biss il-modalità ta' kif dan il-proċess tmexxa fil-konfront tiegħu li skont l-istess attur tmexxa b'mod abbużiv. L-attur addirittura jimplika arbitrarjetà fil-mod ta' kif ittieħdet id-deċiżjoni għaliex jisħaq u jinsisti li hu qatt ma ngħata l-jedd li jagħti l-verżjoni tiegħu. Huwa proprju għalhekk illi l-attur jallega li l-proċess illeda d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq u li l-bord f'dan il-każ speċifiku aġixxa ta' *judge and jury*.

Tqis għalhekk illi din l-eċċezzjoni mhijiex fondata.

Trattati l-eċċezzjonijiet preliminari, jmiss issa illi l-Qorti tghaddi ghall-mertu tal-kwistjoni. Qabel xejn però l-Qorti trid tagħmilha ċara illi din tal-lum mhijiex kawża sabiex il-Qorti tistħarreġ ir-raġuni l-għaliex l-attur ma kienx qiegħed jirraporta għax-xogħol. Dak illi hu mitlub mill-Qorti llum huwa sempliċement li tistħarreġ jekk il-proċess dixxiplinarju kif eżegwit fir-rigward tal-attur huwiex tali li jilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Wara li fliet l-atti, addirittura voluminużi, ta' din il-kawża, il-Qorti ssib illi ma tistax taqbel mal-attur meta jgħid illi l-proċess dixxiplinarju fil-konfront tiegħu kien leżiv tad-drittijiet tiegħu jew tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Mill-provi jirriżulta ċar illi d-deċiżjoni li ħa l-Bord tal-koperattiva ittieħdet fl-isfond tal-fatt li l-attur baqa' ma weġibx għall-ittri kollha li ntbagħtu lilu bi twiddiba u lanqas ma wieġeb għall-ittra tat-23 ta' Diċembru 2015 li biha ġie mgħarraf li kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tiegħu. Minnufih malli l-Bord

intebaħ li kellu żball u li r-risposta tal-attur waslet entru t-terminu lilu konċess, il-Bord minn jeddu irtira d-deċiżjoni li kien ħa fil-konfront tal-attur u addirittura ta lill-attur l-opportunità li jersaq il-quddiem u jressaq il-provi tiegħu qabel tittieħed deċiżjoni. Kien proprju l-attur li għal raġunijiet li jafhom hu biss għażel li jostina rasu u flok aċċetta li jressaq il-provi baqa' jinsisti bilfors li jinstema l-appell. Il-Qorti ma tistax tifhem il-għala l-attur ħa din it-triq meta kellu l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu, tingħata deċiżjoni mill-ġdid u in ogni każ jibqgħalu l-jedd li jappella minn dik id-deċiżjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-attur deher li ghazel it-triq tal-pika mingħajr ma qies il-konsegwenzi tal-aġir tiegħu stess. Għal din il-Qorti l-proċess dixxiplinarju propost huwa wieħed li joffri dawk il-garanziji bażilari għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem partikolarment id-dritt għal smiegħ xieraq liema dritt għandu bħala l-fundament tiegħu id-dritt li kull parti tidher quddiem korp indipendenti u tressaq il-provi in sostenn tal-pożizzjoni tagħha. Il-Qorti lanqas ma taqbel li f'dan il-każ il-Bord aġixxa ta' *judge and jury*. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha meta tqis illi l-Bord kien pront irtira d-deċiżjoni tiegħu mingħajr lanqas biss kien mitlub jagħmel dan u terġa u tgħid wera disposizzjoni assoluta li l-proċess dixxiplinarju jerġa jsir mill-ġdid.

Il-Qorti tqis ukoll illi f'dan il-każ u f'kemm snin dam għaddej il-proċess ġudizzjarju, il-koperattiva ma ħadet ebda pass fil-konfront tal-attur u għalkemm dan ma kienx qiegħed jirraporta għax-xogħol, il-koperattiva la keċċietu u lanqas issospendietu. Anzi, apparti li offrietlu l-opportunità li jagħmel l-intervent mediku fi sptar privat sabiex iħaffef, offrietlu wkoll li jżomm post u li fil-frattemp saħansitra jkun sostitwit minn ibnu stess. Ebda proposta però ma kienet sodisfaċenti għall-attur liema atteġġjament ikompli jikkonferma l-ħsieb ta' din il-Qorti li l-attur ried sempliċement japprofitta mis-sitwazzjoni. F'dan il-punt il-Qorti trid ukoll tiddizapprova l-aġir tal-attur meta għal żmien twil baqa' jagħmel li jrid billi minkejja li debitament imwissi, baqa' jagħżel li ma jidħolx għax-xogħol u li jsib min jirrimpjazzah. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema tista' twassal għal abbużi kbar u għalhekk tqis illi kienet fis-sewwa l-koperattiva meta stipolat perjodu massimu li matulu wieħed seta' ma jidħolx għax-xogħol

u jsib min jirrimpjazzah. Hekk almenu assigurat li l-abbuż minn tal-anqas jitnaqqas.

Fid-dawl ta' kif żvolġew il-fatti lanqas hemm lok illi l-Qorti tinoltra fil-mertu tat-tieni u tat-tielet talba. Permezz tat-tieni talba l-attur qiegħed ifittex li jikseb dikjarazzjoni li l-proċeduri dixxiplinarji huma nulli u mingħajr effett u li hija wkoll nulla d-deċiżjoni tal-bord. Biss, effettivament kien il-Bord stess li rrevoka d-deċiżjoni tiegħu qabel biss inbdew dawn il-proċeduri u żamm lill-attur fl-istess stat li kien fih qabel ittieħdu l-passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu.

Kwantu għat-tielet talba, l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-aġir tal-bord huwa llegali, abbużiv u tali li jikkaġuna danni lil min ikun soġġett għal tali proċeduri. Il-Qorti qieset illi fl-ebda waqt tal-proċeduri l-attur m'attakka il-proċess dixxiplinarju kif imfassal u rifless fl-istatut tal-koperattiva. Attakka biss il-fatt li fil-konfront tiegħu ittieħdet deċiżjoni mingħajr ma kien għadu ressaq it-tweġiba u l-provi tiegħu għall-akkużi. Fatt dan illi għalkemm huwa minnu, il-Bord għaraf li sar bi żball u kien pront jirtir d-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti ma tista ssib ebda prassi abbużiva jew illegali. Il-Bord mexa mal-proċess dixxiplinarju skont kif dan huwa dettatt mill-istatut li l-attur, anki jekk jallega li ma qrahx, jibqa' l-fatt li akkonsenta u assoġġetta ruħu għalih meta ffirmah.

Stabbilit illi ma jirriżultax il-każ li l-proċess dixxiplinarju tmexxa b'abbuż, illegalità jew bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur, m'hemmx lok li l-Qorti tinoltra fil-kwistjoni tad-danni. A tal-propożitu l-Qorti żżid tgħid illi kieku l-attur aċċetta l-proposta li saritlu mill-koperattiva li jiġi sostitwit minn ibnu stess, kieku s-sitwazzjoni tal-attur kienet tkun ferm differenti. Hawnhekk il-Qorti tifhem lill-attur li seta' kellu r-ragunijiet tieghu ghaliex ma xtaqx jissottometti ruhu ghal intervent kirurgiku fi sptar privat. In oltre, l-attur donnu jeħtieġ jiġi mfakkar li kien hu minn rajh li għażel li ma jirraportax aktar għax-xogħol b'abbuż flagranti tar-regolamenti tal-koperattiva. Anki jekk kellu sitwazzjoni medika li mpedietu milli jkompli jaħdem, il-Bord offrielu aktar minn soluzzjoni waħda li l-attur irrifjuta. L-iżbalji jew aħjar l-aġir irresponsabbli tal-attur żgur illi ma jistax jintuża kontra l-koperattiva intimata.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni.

2. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

3. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, t-tielet u s-seba' talba u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet li jittrattaw il-kwistjoni tad-danni.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandom jitħallsu mill-attur ħlief għal dawk relatati mal-eċċezzjonijiet miċħuda liema spejjeż għandhom ikunu a karigu tal-istess konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG